MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 19/2003

**Paul Chetcuti u Silvio Brincat**

**vs**

**Charles Bianco proprio u Western Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fl-10 ta' Jannar, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' erbat elef, mitejn u erbatax-il lira Maltin (Lm4,214) li jirrapprezentaw depositu mhallas fuq il-konvenju anness bhala Dok A, liema konvenju llum ormai skada.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti ngunti ghas-subuzzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Il-preskrizzjoni ta’ sentejn in kwantu ghat-talba ghar-rifuzjoni tal-allegat depozitu mhallas.

2. In-nullita’ tal-konvenju billi ma hemmx imsemmi ammont tal-valur allegatament miftiehem bejn il-partijiet.

3. It-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

4. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju fil-meritu, mhux minnu li thallsu depozitu ta’ Lm4214 (erbat elef mitejn u erbatax-il lira) fuq konvenju tat-28 ta’ Gunju, 1999 kif del resto jirrizulta mill-istess konvenju (Dok A) anness ma’ l-avviz 19/03MM.

5. Inoltre u minghajr pregudizzju l-konvenju isemmi ‘avarija’ ta’ erbat elef u tlett mitt lira Maltin (Lm4,300) u mhux depozitu li minnhom (Lm1,000) (elf lira biss) kellhom jithallsu dakinhar mentri fil-fatt ma thallsux u t-tpartit qatt ma sar u l-konvenut qatt ma akkwista l-garaxx imsemmi billi mir-ricerki rrizulta li l-atturi ma setghux jittrasferixxu l-garaxx imsemmi liberu u frank ghaliex kien hemm hafna dejn fuqu.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-konvenut fejn eccepixxa l-preskrizzjoni ta’ sentejn. B’verbal maghmul waqt is-seduta tal-25 ta’ Frar, 2003 (fol 12) il-konvenut spjega li l-eccezzjoni tieghu hija bazata fuq l-artikolu 1027 tal-Kap 16. Dan l-ahhar artikolu jghid *“l-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss ….. taqa’ bil-*

*preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn minn dak inhar li dak li lilu tmiss bl-azzjoni jikxef l-izball."*

Biex il-Qorti tghaddi u tikkonsidra din l-eccezzjoni trid tidhol ukoll fil-meritu tal-kawza biex tara jekk hawnx kwistjoni ta' zball jew inkella operazzjoni kummercjali li marret hazin.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-partijiet riedu jaghmlu negozju bejniethom u fit-28 ta' Gunju, 1999 in atti Nutar John Hayman gie redatt u ffirmat konvenju fejn saret permuta bejn garage u vettura Mercedes 190. Skond dan il-ftehim il-konvenuti kellhom ihallsu lill-attur is-somma ta' erbat elef u tlett mitt lira (Lm4,300) bhala ekwiparazzjoni peress illi ftehmu li l-vettura kienet tiswa aktar mill-garage. Irrizulta wkoll illi l-garage ma setax jigi trasferit minhabba drittijiet ipotekarji tal-Bank. Ghalhekk il-konvenuti zammew il-vettura u bdew ihallsu pagamenti. Thallset elf lira (Lm1,000) ftit granet wara l-konvenju u mbaghad erba' pagamenti rateali ta' mija tlieta u hamsin lira u hamsin centezmu (Lm153.50). Dawn il-pagamenti saru a bazi ta' kambjali illi gew iffirmati bejn il-partijiet wara li l-bejgh tal-garage ma setax isehh. Jidher ukoll l-atturi ma felhux ghal pagamenti u wara erba' (4) pagamenti waqfu ghal kollox.
Il-kontroversja bejn il-partijiet bdiet f'dan l-istadju. L-atturi qeghdin ighidu illi huma komplew ihallsu l-ammont kollu li gie ndikat fil-konvenju minghajr ma kienet qed tigi moghtija lilhom ircevuta. Il-konvenut min nahha l-ohra, jghid li ma rcieva xejn oltre l-elf lira (Lm1,000) u l-erba' pagamenti, b'kollox elf sitt mija u erbatax-il lira (Lm1,614). Irrizulta wkoll illi meta l-atturi ma waslux sabiex ikomplu jhallsu l-obbligazzjonijiet taghhom, il-vettura giet ritornata lill-konvenut. Ghal dawk illi huma t-termini, l-konvenju gie ffirmat fit-28 ta' Gunju, 1999 u l-ahhar pagament maghmul lill-Bank kien fis-26 ta' Ottubru, 1999. Ma sarux atti gudizzjarji oltre l-avviz illi gie pprezentat fl-10 ta' Jannar, 2003.

Ghalhekk jekk wiehed jiehu t-termini stretti ta' sentejn kif murija fl-artikolu 1027 irrizulta illi dawna ghaddew ampjament. Il-Qorti pero' ma jidhirliex illi l-fatti speci tal-kaz jinkwadraw fl-artikolu 1027 fuq imsemmi, l-ghaliex hawn mhix kwistjoni ta' zball. Meta l-partijiet iffirmaw il-konvenju dan kien wiehed legali u li kien jirrispetta l-intenzjoni tal-partijiet u ma kienx il-kaz illi b'xi mod isir xi att korrettorju.

Li gara kien li bejn il-partijiet kien hemm operazzjoni kummercjali illi marret hazin u xi hadd minnhom tilef il-flus, izda matul din l-operazzjoni zgur illi ma sarux pagamenti minghajr ma kien imiss. Il-konvenut obbliga li jittrasferixxi vettura u l-atturi min nahha taghhom obbligaw li jittrasferixxu garage b'ammont ta' flus bhala ekwiparazzjoni. Bdew isiru pagamenti izda minhabba kwistjonijiet legali l-operazzjoni bejniethom ma setghetx tigi konkjuza. Ghalhekk il-Qorti ma tarax illi saru xi zbalji fin-negozji illi sar bejn il-partijiet. Jista' jkun illi l-atturi kellhom ripensament ghal mod kif gie gestit dan in-negozju, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi sar zball fil-forma jew inkella bil-mod kif gew ikkalkolati l-pagamenti. Il-gurisprudenza in materia tirreferi ghal dan l-artikolu *"….quando il pagamento vien fatto per errore"* (Vol XXVIII PII P682) jew *"… versamente eccessivo……"* (Vol XXV PII P 638) li zgur mhux il-kaz in ezami. Ghal dak li huwa l-oggett ta' trasferiment ma hemmx zball, bhal ma lanqas ma kien hemm zball dwar l-ammont li kellu jithallas ghax-xiri ta' l-oggett. Ghalhekk il-perjodu preskrittiv ghal din l-operazzjoni hija dik generali ghal operazzjonijiet kummercjali kollha, illi huwa itwal minn dak indikat mill-konvenuti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi l-azzjoni attrici hija ntavolata fiz-zmien u konsegwentement tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------